MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2009

Numru 79/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Carlos Cordina**
**Sp Priscilla Caruana**
**vs**
**Abdel Hadi Buhaga**
**Mohammed Hallaf**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Abdel Had Buhaga ta' 32 sena mwieled Hgiga Algerija nhar it-18 ta' Mejju 1977, iben Mohammed u Hourija, mizmum il-lock up Floriana u bin-numru ta' immigrazzjoni 09B261**

**U**

**Mohammed Hallaf ta' 27 sena mwieled Hgiga Algerija nhar it-12 ta' Settembru 1981, iben Ismail u Akilaa u**

**mizmum il-lock up Floriana, bin-numru ta' immigrazzjoni 09B262.**

**Akkuzati talli nhar l-1 ta' Frar 2009 ghall-habta ta' 6.00am u fil-hinijiet ta' wara gewwa Triq it-Truncieri Marsascala u l-akwati:**

**1. Injurjaw, jew heddu jew ghamlu offiza fuq PC 857 John Laferla, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbbbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;**
**2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 857 John Lafera, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz bpulliku, waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;**
**3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommettew attentat ta' feriti ta' natura gravi fuq PC 857 John Laferla;**
**4. Talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq PC 857 John Laferla u dan skond kif ccertifikatu Dr R Aquilina MD mill-Isptar Mater Dei;**
**5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt il-qadi ta' dmijiriethom jew b;'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom, billi ma hallewx li haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat illi jaghmel jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;**
**6. U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisru il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied jew mod iehor.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputati ghal dawn l-imputazzjonijiet. Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-**

**kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji u l-kunsens ta’ l-imputati sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Ghaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17H, 95, 96, 41(1)(a), 216, 221 338(dd), 338(ee) tal-Kap 9, qed issib lill-imputati hatja ta’ l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom, b’dan pero li ghall-imputazzjoni 3, il-Qorti qed tifhem u tqis li din hija imputazzjoni dwar ferita hafifa kif jirrizulta mic-certifikat u dwar imputazzjonijiet 5 u 6, dawn huma assorbiti fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet.**

**Il-Qorti, minhabba li l-imputati ghamlu ammissjoni bikrija u kif wkoll li pubblikament talbu skuza ghal ghemilhom, qed tikkundanna lill-imputati ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9. Il-Qorti spjegat xi jfisser dan l-Artikolu lill-imputati fi kliem semplici.**

**Ukoll jekk ser jigu deportati, izommu f’mohhom li dik is-sena ta’ prigunerija ser tibqa’ sospiza ghal sentejn.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------